IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa B`Urġenza Numru 69

## 18 ta` Frar 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### 69.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 69.2 Approvazzjoni tal-Financial Statment ghas-sena 2018

Is-Sur John Boxall spjega li l-ahhar laqgha tal-Kunsill ma saritx ghal fatt li kemm hu personali u kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv kienu indisposti minhabba ragunijiet ta` mard u b`hekk qed issir din il-laqgha b`urgenza llum ghax xtaq li huwa jkun prezenti peress li ser jigu diskussi l-Financial Statements ghas-sena 2018. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill talab u nforma lid-DLG sabiex il-laqgha ssir llum u dokumenti jintbghatu lill-Awditur Generali ghada Tlieta 19 ta` Frar 2019.

Is-Sur Boxall talab lill-accountant tal-Kunsill jaghti spjegazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena 2018.

Is-Sur Manicaro, accountant tal-Kunsill tah spjegazzjoni tal-gheluq tas-sena finanzjarja ghas-sena 2018, fejn spjega li matul is-sena 2018 il-Kunsill ghamel surplus ta` madwar €56,000 qabel ma giet mahduma depreciation. Is-Sur Manicaro zied jghid li wara li giet mahduma depreciation, il-Kunsill spicca b`loss ta` €12,670. Is-Sur Manicaro qal ukoll li matul is-sena 2018, l-ammont ta` kredituri naqqsu drastikament. Is-Sur Manicaro spjega li l-aktar flus li ntefqu matul din is-sena kienu fi progetti ta` l-Unjoni Ewropeja imma wkoll matul din is-sena l-Kunsill Lokali tal-Birgu ibbenifika minn diversi fondi minn progetti tal-Unjoni Ewropeja li jaghmlu tajjeb ghall-spejjez relatati. Is-Sur Manicaro qal ukoll li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghalaq is-sena b`Financial Situation Indicator ta` 16%, fejn dan ifisser sitta fil-mija aktar minn dak mitlub.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall talab lill-accountant tal-Kunsill sabiex jigi preparat summary zghir ta` din is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill sabiex in-nies jifhmu ahjar dak li ghamel u hadem ghalih il-Kunsill matul din is-sena biex ifendi deficit li kien qieghed jaffaccja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu biex dan issir.

Is-Sindku staqsa lill-accountant tal-Kunsill jekk l-istess Kunsill huwiex f`pozizzjoni li jaghmel certu progetti matul is-sena 2019. Is-Sur Manicaro spjega li l-Kunsill ghandu flus biex jitulizahom ghal xi progett imma jrid jilimita kemm jonfoq u jara li jgib kemm jista` jkun fondi biex ikun f`pozizzjoni ahjar li jwettaq dak li jixtieq.

Wara li gie diskuss dan ir-rapport, is-Sindku propona biex dan ir-rapport finanzjarju jigi approvat, is-Sur Trevor Mizzi ssekonda u gie approvat unanimament.

Is-Segretarju Ezekuttiv talbet sabiex jigi pprezentat ir-rapport tal-petty cash ta` xahar ta` Jannar 2019 peress li l-ahhar laqgha ma saritx. Dan ir-rapport gie approvat unanimament.

**69.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sitta u nofs ta` filghaxija (6.30pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 25 ta`Frar 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum it-Tlieta 12 ta` Marzu 2019

**IFFIRMATA**

John Boxall
Sindku

**IFFIRMATA**

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv